MALTA

# SMALL CLAIMS TRIBUNAL

## ADJUDICATOR DR. MARIO SCERRI

Sitting of the 30 th June, 2010

Talba Number. 20/2010

Dominic Department Stores Limited (C8029)

vs

Bryvarc Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-11 ta' Mejju 2010, li jghid hekk :

"Illi s-socjeta' konvenuta xtrat diversi kwantitajiet ta' oggetti tal-bini minghand is-socjeta' attrici.

Illi bi hlas ghal dan, ghadha dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€358.22) kif jirrizulta mill-invoices annessi dokumenti DS1, DS2, DS3, DS4, DS5, DS6, DS7, DS8, u DS9.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas dovut baqa' ma sarx.

Illi qed jintalab li t-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas sew dan l-ammont flimkien ma' l-imghax mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' April 2010, u wkoll ta' l-ittra ufficjali numru 48/2010.' ;

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fil-21 ta' Mejju 2010, baqghet ma dahhlet ebda risposta u lanqas ma deheret quddiem it-Tribunal biex tikkontesta t-talba attrici ;

Sama' l-provi ;

Fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2010, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, u fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2010, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tas-socjeta' konvenuta jew rapprezentant taghha wara li giet imsejha diversi drabi skond il-ligi, u baqghet ma deheritx, il-kapitoli gew miftuha u debitament approvati, u mehuda li gew mistqarra mis-socjeta' konvenuta ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li bejn Lulju u Settembru 2009, is-socjeta' konvenuta kienet ordnat mill-hanut tal-*hardware store* tas-socjeta' attrici u effettivament gew ikkonsenjati lilha diversi merci kif jirrizulta mill-invoices a fol.2 sa 10 tal-process li gew debitament ikkonfermati minn Dominic Sultana proprjetarju tal-azjenda kummercjali, u li s-socjeta' konvenuta baqghet ma ssaldatx il-prezz taghhom kif kien gie miftiehem u accettat minn Claudio Sagagni ghall-istess socjeta' konvenuta ;

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€358.22), ammont dovut bhala prezz ta' diversi merci li gew mixtrija mis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici, bl-imghax legali b'effett mid-data tal-konsenji relattivi sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess socjeta' konvenuta, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali numru 48/2010 tad-19 ta' April 2010.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------